MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Numru 381/2005

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
Salaheddin Ali B Elmabrouk,
iben Ali, imwieled Tripoli, Libja
fis-26 ta' lulju, 1981

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fis-27 ta' april, 2005 f'dawn il-Gżejjer, u matul dan l-aħħar xahar, b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
a. talli fis-27 ta' april, 2005 u matul dawn l-aħħar ħmistax il-ġurnata, assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer, jew barra minn dawn il-Gżejjer, sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'dawn il-Gżejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal- Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi

jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;
b. importa jew ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi mportata mediċina perikoluża (raza tal-cannabis) f'Malta, ħlief skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. talli fl-istess data, kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza, liema droga nstabet f'tali ċirkostanżi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-7 ta' diċembru, 2005 fejn ta l-kontro-ordni biex dan il-każ jiġi trattat minn din il-Qorti a tenur tal-artikoli 22(2) u 31 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' lulju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 8(a)(b) u 22(1)(f)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' erba' snin priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' elf lira maltin (Lm1,000). Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tad-droga eżebita u l-konfiska tal-flus eżebiti. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' tlett mija u disgħa u sittin liri maltin u disgħa u tmenin centesimu (Lm369.89) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------